MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Rikors Numru. 389/2006

Ronnie Caruana
vs
JDC Company Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih espona:

Li r-rikorrent kien kreditur tas-socjeta` intimata fis-somma ta' erbghin elf lira (Lm40,000) flimkien mal-imghax fuq l-istess somma bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena (8% p.a.) b'effett mill-1 ta' Jannar 2004 liema debitu kien cert, likwidu u dovut u naxxenti minn att pubblikat min-Nutar Pierre Cassar fit-28 ta' Ottubru 1998 liema kuntratt kien jispjega wkoll in-natura tal-obbligazzjoni. Kopja Dok A esebita mar-rikors *animo ritirandi*.

Illi s-socjeta` intimatra ma kienet hallset xejn mill-kapital dovut izda kienet hallset biss l-imghax u dana sal-31 ta' Dicembru 2003, u dana minkejja ittra interpellatorja tat-18 ta' April 2006. Kopja Dok B.

Illi r-rikorrenti kien jixtieq jerga' jirrendi l-istess att pubbliku titolu ezekuttiv stante li kienu ghaddew izjed minn hames snin minn meta kien seta' jigi ezegwit.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lill-Qorti li tawtorizza l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv naxxenti mill-imsemmi att pubbliku a tenur tal-Artikolu 258 tal-Kap 12.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tar-rikorrent.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Illi s-socjeta` rikorrenti debitament notifikata skond il-ligi ma pprezentat ebda risposta u anqas deher hadd ghaliha fis-seduta tal-lum.

Xehed Ronnie Caruana li qal li mid-data li pprezenta r-rikors, u cioe` s-7 ta' Awissu, 2006, hu baqa' ma thallas xejn mis-socjeta` intimata.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk peress li t-talba tar-rikorrent tidher gustifikata, u minhabba kontumacja tas-socjeta` intimata, il-Qorti tilqa' t-talba rikorrenti u tawtorizza l-ezekuzzjoni tat-titolu naxxenti mill-isemmi att pubbliku a tenur tal-Artikolu 258 tal-Kap 12.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------